MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Numru 870/1999

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Bonello)
**Vs**
**George Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi George Agius ta` 56, sena bin Carmenu u Pawla nee` Mifsud, imwieled Qormi fit-22 ta` April 1944 u joqghod Aida House, 18 New Street Qormi, li ghandu karta tal-Identita 399044M

Talli fl-24 ta` Marzu 1999 u fil-jiem ta` qabel mill-isptar San Luqa, Pieta ikkommetta serq ta` diversi oggetti li l-valur taghhom huwa ta` aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda inqas minn mitt lira Maltin (Lm100) ghad-

detriment tal-Gvern ta` Malta, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-persuna bi ksur ta` Artikoli 261, 268, 269 u 281 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b`qerq jew akkwista b`reat jew xjentament b`kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxijhom.

Rat in-nota ta` L-Avukat Generali

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni

Ikkunsidrat,

1. Fl-24 ta` Marzu 1999, l-akkuzat kien ghaddej qrib kamra fil-kuridur li jaghti ghas-sala 8, Karen Grech, l-Isptar San Luqa. Kellu f`idejh zewg kaxex ta` pilloli u wara li gie mistoqsi dwarhom saret tfittxija f`kamra fejn hafna mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni jghidu hi l-kamra fejn jinzamm l-iskart.

2. Dwar il-pilloli *Augmentin* jirrizulta li l-akkuzat kellu jedd ghalihom u kienu ghal missieru. Ghall-affarijiet l-ohra barra l-hobs frisk il-Qorti ser taghti l-beneficcju tad-dubju lill-akkuzat li hasibhom affarijiet mormija u abbandunati. L-akkuzat jidher li hu bniedem li m`ghandux certa intelligenza, per ezempju lanqas jaf li l-kamra fejn instabu l-affarijiet setghu jidhlu nies ohra.

Issib lill-akkuzat hati li ha dsatax (19) il-hobza friska li huma ta` valur zghir hafna. L-akkuzat hu impjegat l-Isptar San Luqa.

Rat l-Artikoli 261, 268, 269, 281 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Stante l-kondotta nadifa ta` l-akkuzat u l-valur tassew zghir tal-hobz ser tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lill-akkuzat hati taht l-artikoli fuq imsemmija u mhux hati ta` akkuzi l-ohra, tilliberah taht il-provedimenti ta` l-Artikolu 9 tal-kap 152 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar (1) m`illum u qed tfisser l-import ta` din is-sentenza.

Il-Qorti ma jidhriliex li ghandhom jittiehdu passi kontra l-akkuzat mill-Awtorita.

--------------------------------TMIEM--------------------------------